MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 447/2005

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Sharon Salerno**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Frar 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mija wiehed u sebghin Liri Maltin u erbgha u tmenin centezmi (Lm171.84), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenuta in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 99438899.

Il-konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija wiehed u sebghin Liri Maltin u erbgha u tmenin centezmi (Lm171.84), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------